

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2008/482/PESK****tat-23 ta' Ġunju 2008****li temenda d-Deċiżjoni 2008/134/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/797/PESK ta' l-14 ta' Novembru 2005 dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tagħha, flimkien mat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi

- (1) Fl-14 ta' Novembru 2005 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK li tistabbilixxi Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) għal perijodu ta' tliet snin. Il-fażi operattiva ta' l-EUPOL COPPS bdiet fl-1 ta' Jannar 2006.
- (2) Fit-18 ta' Frar 2008 l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2008/134/PESK li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani <sup>(2)</sup>, li stabbiliet ammont ta' referenza finanzjarju biex tkun koperta l-ispiża relatata mal-Missjoni għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008.
- (3) L-ammont ta' referenza finanzjarju għall-EUPOL COPPS għandu jżied sabiex ikun possibbli r-rinforz ta' l-attivitajiet tagħha,

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2008/134/PESK għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 1*

L-ammont ta' referenza finanzjarju maħsub sabiex ikopri l-ispiża relatata mal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) mill-1 ta' Marzu 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008 għandu jkun ta' EUR 6 000 000.”

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidhal fis-seħħ effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, 23 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kunsill**Il-President*

I. JARC

<sup>(1)</sup> ĠU L 300, 17.11.2005, p. 65. L-Azzjoni Konġunta kif emendata mill-Azzjoni Konġunta 2007/806/PESK (ĠU L 323, 8.12.2007, p. 50).

<sup>(2)</sup> ĠU L 43, 19.2.2008, p. 38.